Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 217/21**
il-Lussemburgu, 2 ta' Diċembru 2021

Stampa u Informazzjoni

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawżi C-156/21 u C-157/21
l-Ungerija u l-Polonja vs Il-Parlament u l-Kunsill

**Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona: Ir-rikorsi tal-Ungerija u tal-Polonja kontra s-sistema ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt għandhom jiġu miċħuda**

*Din is-sistema ġiet adottata fuq bażi legali xierqa, hija kompatibbli mal-Artikolu 7 TUE u tosserva l-prinċipju ta' ċertezza legali*

Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-leġislatur tal-Unjoni adotta regolament [1] li jistabbilixxi sistema ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Sabiex dan il-għan jintlaħaq, ir-Regolament jippermetti li, fuq proposta tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill jadotta, fost l-oħrajn, miżuri bħas-sospensjoni tal-pagamenti li għandhom jitwettqu mill-baġit tal-Unjoni jew tal-approvazzjoni ta' programm jew ta' programmi ffinanzjati mill-imsemmi baġit.

L-Ungerija u l-Polonja ppreżentaw dawn iż-żewġ rikorsi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fejn talbu l-annullament tar-Regolament. Il-kontestazzjoni tagħhom hija bbażata, fost motivi oħra, fuq l-assenza jew fuq l-inadegwatezza tal-bażi legali magħżula għar-regolament, fuq l-inkompatibbiltà tiegħu mal-Artikolu 7 TUE [2] u fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati llum, l-Avukat Ġenerali Manuel Campos Sánchez-Bordona, fl-ewwel lok, jindika li l-għan tar-regolament huwa l-ħolqien ta' **mekkaniżmu speċifiku sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-baġit tal-Unjoni,** meta Stat Membru meta Stat Membru jikser il-prinċipji tal-istat tad-dritt li jippreġudikaw il-ġestjoni tajba tal-fondi tal-Unjoni jew l-interessi finanzjarji tagħha. F'dan il-kuntest, jenfasizza li r-**regolament ma huwiex intiż li jipproteġi l-istat tad-dritt permezz ta' mekkaniżmu ta' sanzjonijiet simili għal dak previst fl-Artikolu 7 TUE, iżda li jistabbilixxi strument ta' kundizzjonalità finanzjarja għall-preżervazzjoni ta' dan il-valur tal-Unjoni.** Fil-fehma tiegħu, is-setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni tkopri din l-għażla leġiżlattiva, li ma tistax tiġi kklassifikata bħala manifestament żbaljata, peress li l-osservanza tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jista' jkun ta' importanza fundamentali għall-funzjonament tajjeb tal-finanzi pubbliċi u għall-implimentazzjoni korretta tal-baġit tal-Unjoni.

Barra minn hekk, huwa jenfasizza li r-regolament jeżiġi li jkun hemm **rabta suffiċjentement diretta** bejn il-ksur tal-istat tad-dritt u **l-implimentazzjoni baġitarja**, b'tali mod li **ma huwiex applikabbli għall-ksur kollu tal-istat tad-dritt, iżda għall-ksur li jkollu konnessjoni diretta mal-ġestjoni tal-baġit tal-Unjoni.** Min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tad-destinatarji finali tal-programmi ta' nfiq iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni hija miżura tipika u loġika fil-ġestjoni kondiviża ta' dawn il-fondi, b'tali mod li l-korrezzjoni finanzjarja adottata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandha tiġi mġarrba mill-Istat Membru li jkun wettaq il-ksur u ma għandiex tingħadda fuq il-benefiċjarji tal-fondi li ma jkunux involuti fil-ksur. L-Avukat Ġenerali huwa tal-fehma li kemm l-għan kif ukoll il-kontenut tar-**regolament** juru li dan **jikkostitwixxi regola finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 322(1)(a) TFUE, u li**, b'konsegwenza ta' dan, **l-imsemmi artikolu seta' jikkostitwixxi bażi legali xierqa għall-adozzjoni tiegħu.**

[1] Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas 16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU 2020, L 433I, p. 1, rettifika fil-ĠU 2021, L 373, p. 94).
[2] Dan l-artikolu ma jipprevedix il-possibbiltà li jinbdew proċeduri fil-konfront ta' Stat Membru għal ksur serju tal-valuri tal-Unjoni jew ta' riskju ċar ta' tali ksur.

Fit-tieni lok, l-Avukat Ġenerali jqis li l-Artikolu 7 TUE ma jawtorizzax lil-leġislatur tal-Unjoni jistabbilixxi mekkaniżmu analogu li jkollu l-istess għan ta' protezzjoni tal-istat tad-dritt u li japplika sanzjonijiet simili. Madankollu, fil-fehma tiegħu **l-Artikolu 7 TUE ma jipprekludix li din il-protezzjoni tiġi pprovduta permezz ta' strumenti oħra għajr dawk previsti f'din id-dispożizzjoni,** dejjem sakemm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu jkunu differenti minn dawk tal-protezzjoni ggarantita mill-imsemmi artikolu. Huwa jfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà attribwixxiet konsegwenzi għall-ksur tal-valuri tal-Unjoni, konkretament fil-kuntesti tal-mandat ta' arrest Ewropew u tal-indipendenza tal-qrati nazzjonali, anki jekk, f'dawk il-każijiet, ma kienx sar użu mill-Artikolu 7 TUE.

L-Avukat Ġenerali jqis li d-dispożizzjonijiet adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jippruvaw jirreaġixxu, **f'kuntesti speċifiċi,** kontra ċertu ksur tal-valur tal-istat tad-dritt li jaffettwa l-ġestjoni baġitarji, **huma kompatibbli mat-Trattati.** Filwaqt li l-Artikolu 7 TUE jissuġġetta l-adozzjoni ta' miżuri għall-kundizzjoni li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ksur serju u persistenti tal-valuri tal-Unjoni min-naħa ta' Stat Membru, **ir-regolament jikkontempla biss il-ksur** tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, minn Stat Membru, **li jaffettwa jew jhedded li jaffettwa**, serjament u direttament, i**l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.**

Skont l-Avukat Ġenerali, **il-mekkaniżmu tar-Regolament jixbah lil strumenti oħra ta' kundizzjonalità finanzjarja u ta' implimentazzjoni baġitarji li jeżistu fid-diversi kuntesti tad-dritt tal-Unjoni**, u mhux lil dak tal-Artikolu 7 TUE. Barra minn hekk, b'kuntrast mar-regolament, l-Artikolu 7 TUE jeżiġi li jkun hemm ksur serju u persistenti **ta' kwalunkwe wieħed mill-valuri tal-Unjoni,** u mhux biss tal-istat tad-dritt. Għal din ir-raġuni, il-limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja prevista fl-Artikolu 269 TFUE b'rabta mal-Artikolu 7 TUE ma hijiex applikabbli għar-regolament, li jibqa' suġġett għall-istħarriġ sħiħ tal-legalità previst mill-Artikolu 263 TFUE. Bl-istess mod, il-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet stabbilita mill-Artikolu 6 tar-regolament hija differenti minn dik stabbilita fl-Artikolu 7 TUE u ma jiksirx il-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali, peress li l-għoti ta' setgħat ta' eżekuzzjoni lill-Kunsill hija koperta mill-kunċett wiesa' ta' implimentazzjoni baġitarja previst fl-Artikolu 322(1)(a) TFUE, u ma jiksirx l-Artikolu 317 TFUE, li jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa ta' implimentazzjoni baġitarja f'sens strett. Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali huwa tal-fehma li **r-regolament huwa kompatibbli mal-Artikolu 7 TUE.**

Fit-tielet lok, l-Avukat Ġenerali jqis li, għalkemm il-kunċett ta' stat tad-dritt bħala valur tal-Unjoni huwa wiesa', **il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa awtorizzat li jispeċifikah** f'kuntest materjali speċifiku, bħal dak tal-implimentazzjoni baġitarja, għall-finijiet tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kundizzjonalità finanzjarja. F'dan ir-rigward, huwa jfakkar li r-regolament jelenka **seba' prinċipji legali,** [3] li għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-valuri u tal-prinċipji l-oħra tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 TUE. Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tar-regolament jelenka xi indizji ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-Artikolu 4(2) tiegħu jinkludi lista indikattiva ta' elementi li fihom jista' jseħħ ksur tal-imsemmija prinċipji. Huwa jiddelimita, b'dan il-mod, il-ksur li jista' jagħti lok għall-adozzjoni ta' miżuri ta' kundizzjonalità tar-Regolament, billi jissuġġettah għall-eżistenza ta' rabta diretta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Dawn iż-żewġ elementi jenfasizzaw l-isforz tal-leġiżlatur sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u jżid iċ-ċertezza legali.

Skont l-Avukat Ġenerali, il-karatterizzazzjoni tal-istat tad-dritt permezz tar-riferiment għall-imsemmija prinċipji **tissodisfa rekwiżiti minimi ta' ċarezza, preċiżjoni u prevedibbiltà mitluba mill-prinċipju ta' ċertezza legali.** Fil-fatt l-Istati Membri għandhom livell ta' għarfien suffiċjenti tal-obbligi li jirriżultaw minn dawn, speċjalment jekk jitqies li l-maġġoranza tagħhom ġew żviluppati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Avukat Ġenerali jipproponi li **l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikorsi għal annullament ippreżentati mill-Ungerija u mill-Polonja.**

[3] Dak tal-legalità, li jimplika proċedura leġiżlattiva trasparenti, demokratika, pluralista u suġġetta għall-obbligu ta' rendikont; dak taċ-ċertezza legali; tal-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħa implimentattiva; dak tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li jinkludi l-aċċess għall-ġustizzja, mill-qrati indipendenti u imparzjali, anki f'dak li jikkonċerna d-drittijiet fundamentali; dak tas-separazzjoni tas-setgħat; u dak tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza quddiem il-liġi.

**NOTA**: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenzi (C-156/21 u C-157/21) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.*